**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 1028/2012**

***MADLIENA INTERNATIONAL LIMITED***

***VS.***

***AWB LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Rat li din il-qorti kienet waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2022, tat digriet li permezz tiegħu ħalliet il-kawża *sine die*, bl-effetti kollha msemmija fl-**artikolu 964 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan wara li ġie osservat li f'din il-kawża kienu ilu aktar minn ħames snin ma jsir xejn fiha;

2. Tqis li skont l-**artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, kawża differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju li ssemmi l-liġi (ara ***Edith Cachia et v. Mary Grech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2022 u ***Francis Zammit noe v. Almeco Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' April, 2013);

3. Tqis li wara l-emendi miġjuba bl-**Att XXXII tal-2021**, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu, 2021 b'riħet l-**Avviż Legali 315 tal-2021**, it-terminu perentorju li fih wieħed jista' jitlob skont l-**artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex kawża mħollija *sine die* terġa' tiġi appuntata mill-ġdid ġie mnaqqas minn sitt xhur għal tliet xhur;

4. Tqis li din il-qorti ma waslitilha l-ebda talba f'dawn it-tliet xhur mill-aħħar seduta tat-12 ta' Lulju, 2022, sabiex hija terġa' tappunta din il-kawża mil-ġdid;

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda tiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk tordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tagħha.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ħamis, 13 ta' Ottubru, 2022.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**